MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 645/2001/1

**Dr Louis Buhagiar**
**Vs**
**Ray Spiteri**

**It-Tribunal**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur, fis-7 t'Awwissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltija (LM420.00) in konnessjoni ma kura medika moghtija mill-attur lil Carmel Spiteri fuq inkarigu tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-11 ta' Dicembru, 2000, bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data ta' l-interpellazzjoni u bil-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fis-17 ta' Dicembru, 2001, fejn intqal illi l-konvenut qatt ma nkariga direttament lill-attur izda missieru dahal l-**

**isptar Capua fuq rakkommandazzjoni tieghu biss fuq insistenza ta’ l-isptar li nnominat lill-attur.**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammonti u r-rati rikjesti qatt ma kienu mifthiema bejn il-partijiet.**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament l-ammont mitlub huwa ezorbitanti.**

**Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatti u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.**

**Sema ix-xhieda u ezamina id-dokumenti**

**Ikkunsidera;**

**Illi din il-kawza hija karaterizzata bin-nuqqas lampanti taz-zewg partijiet li jipproducu xhud bhala rapprezentant ta’ l-Isptarijiet ta' San Luqa u dak ta' Capua Palace sabiex jilluminaw it-Tribunal biex jasal ghal-konkluzjonijiet tieghu. Pero' ghal ragunijiet ignotici il-kontendenti naqsu li jaghmlu dan.**

**Illi n-nuqqas ta' komprensjoni da parti tal-konvenut u/jew tal-familjari tieghu tal-proceduri appositi u applikazzjoni fl-eventwalita’ ta' ‘patient admission’ fl-isptar Capua Palace mhux accettabbli. L-inkonsapevolenza ta' x' jissuccjedi fl-isptar privat indikat u t-thaddim tieghu u ghax kif xehed hu- la hadd qallu u wisq anqas xi hadd staqsa x' jigri hija meraviljanti. Dak li jaqblu fuqu l-partijiet hija l-attitudini reciproka li t-tnejn haduha "for granted" li kull parti kienet taf x' qed jigri ossia li l-isptar kien informa lill-attur li l-pazjent jew ossia familjari tieghu kienu gew spjegati lilhom l-procedura, u l-isptar informa lil-konvenut bis-sistema hekk imhaddma fl-isptar. Jirrizulta mill-provi prodotti li dan ma kienx il-kaz. L-attur haseb li l-familjari tal-pazjent kienu jafu bis-servizzi tieghu, u l-konvenut haseb li l-isptar kien qed jiehu hsieb anzi pretenda li jiehu hsieb kollox.**

**La jaf bl-esistenza ta' l-attur meta missieru gie 'discharged' u mar biex ihallas il-kont, fejn gie infurmat li l-ispecjalista kien a karigu tieghu separatament. Kien jaspetta wkoll lill-isptar li jispjegaw il-procedura apposita.**

**X' kellu u x' ma kellux bzonn missieru, l-isptar inkluz l-attenzjoni u kura medika , ma kienx fil-kompitu tieghu li jikkwalifika. Dan jaspetta lill-awtoritajiet ospedjeni. Biex kien qed ibati u xi trattament kellu bzonn, kienu fid-diskrezzjoni professjonali taghhom.**

**'Ex admissis' il-konvenut stqarr li xtaq ihallas lill-attur imma sab il-kont ezorbitanti. Kien qed jahseb xi hamsin Lira Maltija (Lm50.00)! Anki fuq dan il-binarju il-hsieb tal-konvenut huwa monk. La hu kwalifikat u wisq anqas addett fil-professjoni medika sabiex jiffissa l-kumpens talvolta dovut lil minn jirrendi s-servizz. Giet prezentata tariffa mill-attur li ma gietx kontradetta mill-konvenut b' xhieda estranja. Il-konvenut strah fuq ix-xhieda tieghu.**

**Jigi ribattut li kif jirrizulta mill-'admission form' ta' l-isptar u mill-kont imhallas mill-konvenut, l-pazjent, missier il-konvenut kien taht il-kura ta' l-attur u l-kont tieghu kien separat minn dak ta' l-isptar. Kif diga' gie espost dan il-kaz ma kienx jigi krejat li kieku kienet tirrizulta nuqqas ta' komunikazzjoni kontinwa u ragonevoli bejn it-tliet partijiet ossia l-attur, il-konvenut u l-awtoritajiet ta' l-isptar. L-attur ippresta s-servizzi tieghu li taghhom ghandu jigi kumpensat.**

**Jiddeciedi billi fill-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' it-talbiet attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erbgha mija u ghoxrin Lira Maltija (Lm420.00) bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------